MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 216/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Joseph Cini u l-istess Joseph Cini**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm101.00c (mija u wiehed liri Maltin) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tas-17 ta' Frar, 2000, gewwa Azzopardi Street, Marsa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAC 673 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru CIN 151 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Joseph Cini li huwa assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u

li hallas Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) ‘Excess’, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------